# Beati u Qaddisin ...Frar

14 ta' Frar  San Metodju u San Cirillu

Dawn kienu zewgt ahwa griegi mit-Tessalonika fil-Grecja. Metodju twieled fis-sena 815 u Cirillu fis-sena 817. It-tnejn saru sacerdoti u kellhom l-isess xewqa li jxerrdu it-taghlim tal-fidi. Marru bhala missjunarji fil-Moravia, il-Boemja u l-Bulgarija. Fis-sena 862, seba' snin qabel ma miet Cirillu, il-princep tal-Moravia talab biex jmorru missjunarji ghat-tixrid tal-kelma t'Alla.



Jan Matejko (1838-1893), SS. Cirillo e Metodio, 1885

Kellhom jwasslu l-ahbar it-tajba ta' Kristu lis-Slavi. Il-princep ghamel kundizzjoni ghal dan : li min imur ikun jaf jitkellem bil-lingwa tal-poplu. Iz-zewgt ahwa ghamlu volontiera u gew accettati.

Kienu jafu li kellhom ihallu lil pajjizhom, l-lingwa taghhom u l-kultura taghhom imma riedu jaghmlu hekk ghal imhabba ta' Kristu. Ghamlu hekk mhux ghax kienu mgaghlin izda minn jeddhom.

Fost il-hidma taghhom insibu li qalbu l-Bibbja u l-liturgija tal-knisja bil-lingwa Slava u kawza t'hekk il-poplu malajr accetta it-taghlim ta' Kristu. Xi whud fil-knisja dawk iz-zminijiet ma accetawx il-metodu ta' dawn iz-zewg missjunarji u dawn iz-zewgt ahwa kellho jiffacjaw kritika .

Kienu msejha Ruma biex jaghmlu laqgha mal-Papa. Izda dawn it-talin baqghu b'xiber imnieher. Il-Papa Adrianu II kien rikonoxxenti ghal dak li wettqu dawn il-missjunarji fl-art Slava. Huwa approva il-metodi taghhom u hatarhom isqfijiet. Jidher li Cirillu, patri lahaq miet minghajr ma gie ikkonsagrat isqof. Miet fl-14 ta' Frar 869 u huwa midfun fil-knisja ta' San Klement gewwa Ruma. Metodju irritorna fl-art Slava u kompla l-missjoni tieghu ghal hmistax il-sena ohra. Miet fis- 6 ta' April 885. F'Dicembru 31, 1980 il-Papa Giovanni Pawlu II hatarhom patruni ta' L-Ewropa flimkien ma San Benedittu.